MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru 648/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFERY CILIA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**CHARLES GUNTRIP**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Charles Guntrip ta' 29 sena, bin Joseph u Mary Grace nee' Galea, mwieled Pieta' nhar is- 17 ta' Lulju 1979, residenti 60, Triq Doni, Rabat u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 355579(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar it- 22 ta' Marzu 2009, ghall- habta tad-9.00am, fil- Pieta' ikkommetta serq, ta' diversi ghodda mill- fabbrika Dolphin Forge, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jaccedi l- elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329), u li sar ghad-detriment tal- kumpanija Dolphin Forge Ltd u/jew Louis Farrugia;

2) U aktar talli data, hin, lok u cirkostanzi f' Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxihom;

3) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri t- tlieta u ghoxrin ewro u disgha w ghoxrin centezmu (€23.29), izda anqas minn mija u sittax il- ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)

4) U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai terminu tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;

5) Talli fil- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), nhar it- 28 ta' Gunju 2007, ikkommetta reat li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju tan-nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261 (a), (b), ( c), 262 (1) (b), 263, 264, 266, 267, 276, 277(b), 278, 279 (a) u 280 (2), 325 (1) (c), 28B, 28C, 17, 23, 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija.
Tordna d-dhul fis- sehha ta' sentenza datata 28 ta' Gunju 2007 ta' sitt (6) xhur prigunerija;
Ghalhekk tikkundanna lill-imputat b' kollox sentejn prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------